29 ta' April, 1946.

Imħallef :

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

Maria Caruana *versus* Maria Antonia Sleep

**Appell — Sentenza Inappellabili Konnessa ma' Oħra Appellabbli.**

***Meta kawża maqtugħa minn Qorti Inferjuri hija inappellabili, is-sentenza ssir appellabili jekk tkun konnessa ma' oħra appellabili u li ġiet appellata.***

Il-Qorti, — Rat it-talba ta' l-attriċi quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Gudizzjarja ta' Malta għall-kundanna tal-konvenuta biex tħallas is-somma ta' £1 għat-tiswija ta' żewġ coatijiet ; bl-ispejjeż ;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti fuq imsemmija fit-12 ta' Marzu 1946, fejn laqgħet it-talba ta' l-attriċi bl-ispejjeż ; wara li kkunsidrat illi mill-provi fil-kawża l-oħra fl-ismijiet invertiti t-talba tidher ġustifikata ;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuta u ċ-ċitazzjoni tagħha fejn talbet ir-riforma ta' dik is-sentenza, billi tiġi revokata in kwantu kkundannatha tħallas £1 lill-attriċi għat-tiswija ta' żewġ coatijiet u li wieħed minnhom biss sewwiet tajjeb, u għalhekk it-talba tiġi milqugħa għal 10s. biss, u f'dan is-sens tiġi konfermata dik is-sentenza ; bl-ispejjeż ;

*Omissis;*

Tikkunsidra ;

Illi fuq l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità, illi għalkemm din il-kawża in sè hija inappellabili, iżda peress li hija intimament konnessa ma' l-oħra fl-ismijiet invertiti, issir appellabili. Infatti biex jiġi ritenut jekk l-attriċi għandhiex dritt jew le titħallas tax-xogħol li għamlet fil-coat in kwistjoni, huwa meħtieġ illi jkunu eżaminati l-provi tal-kawża l-oħra u jkun assodat jekk l-attriċi f'dik il-kawża għandhiex raġun jew le ; għaliex kieku ġie assodat li fil-fatt il-coat ġie mħassar per mezz tax-xogħol ħażin tal-konvenuta f'dik il-kawża, huwa intuwitiv, u hekk trid il-loġika ġuridika u kwalunkwe sens ta' ġustizzja, illi hija ma għandhiex lanqas tippretendi kum-

pens ta' xogħol ħażin li tkun għamlet u li minħabba fih kellha tirrispondi għad-danni. Għalhekk l-appellanti ma setgħetx qatt ma tappellax din il-kawża la darba kienet appellat l-oħra ;

Għalhekk tirrespinġi l-eċċezjoni ta' l-*inappellabilità* u tordna illi l-ispejjeż ta' l-inċident ma jkunux taxxati; dritt tar-reġistru relativ kontra l-attriċi appellata ;

Tikkunsidra *fil-meritu*

Illi *rriżulta* mill-kawża l-oħra li l-pretensjoni ta' l-attriċi f'dik il-kawża fis-sens illi l-konvenuta hija responsabbli għad-danni ma hijiex bażata.............. ;

Tikkunsidra ;

Illi però l-esperta rrilevat, barra d-difett tal-ġonta, anki żewġ difetti żgħar oħra fil-coat.............. ;

Għal dawn ir-raġunijiet ;

Tikkonferma s-sentenza li *minnha* hemm appell, b'dan illi l-attriċi fi żmien għaxart ijiem minn mindu tieħu l-coat, prorogabili għal ġusta kawża, għandha tirrimedja għaż-żewġ difetti fuq miġjuba.............. ; u f'dan is-sens tirriforma s-sentenza li minnha hemm appell.